# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' l-5 ta' Marzu, 2019

Numru 792/2011 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Priscilla Caruana]**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Nazzareno Zarb**

Kumpilazzjoni numru 792/2011 YMS

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

Nazzareno Zarb ta' 48 sena, imwieled Pietà nhar it-23 ta' Awwissu 1971, iben Anthony u Tessie xebba Gatt, residenti gewwa 'Ramliegh', Triq Ghar Dalam, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identità numru 375571M.

Akkuzat talli:

Fil-5 ta' Mejju 2011 u fil-granet u l-gimghat precedenti, gewwa Birzebbugia, l-Birgu, Marsascala u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq ibnu minuri ta' 13-il sena Nazzareno Zarb u ibnu minuri ta' 12-il sena Anthony Zarb, u dan skond kif gie iccertifikat minn Dr Mariella Mangion mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 u 222 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Mary Zarb u lil uliedu Nazzareno Zarb, Anthony Zarb u Maria Graziella Zarb, biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalhom biza' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Hebb ghall-uliedu minuri u cioè Anthony Zarb ta' 12-il sena u Zazzareno Zarb ta' 13-il sena sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ghamel lill-familjari tieghu u cioè lil martu Mary Zarb u lill uliedu Nazzareno Zarb, Anthony Zarb u Maria Graziella Zarb, ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Il-Qorti ntalbet tittratta ma' l-imputat li huwa ricediv u dan wara li instab hati b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati u tal-Appell Kriminali ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

   Il-Qorti ntalbet sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta' l-imsemmija Mary Zarb u uliedha minuri Anthony Zarb, Nazzareno Zarb u Maria Graziella Zarb u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

> Il-Qorti ntalbet ukoll flimkien mal-hrug ta'ordni ta' protezzjoni tohrog ordni ta' trattament fuq Nazzareno Zarb u dan skond kif ai terminu tal-Artikolu 412 D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat kien wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2011 a fol 26 tal-atti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja a fol 384 tal-atti;

Rat li nqraw l-Artikoli min-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u d-dikjarazzjoni tal-Imputat li m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din l-Onorabbli Qorti a fol 388 tal-atti;

Rat ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-kwerelanti Maria Gerada mart l-Imputat, u uliedu Maria Graziella Zarb u Nazzareno Zarb li kienu saru waqt is-smiegh tal-kawza nhar il-21 ta' Gunju 2017 li permezz taghhom kienu rrinunzzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u xtaqtu li jigu ezentati milli jixhdu kontra l-kongunt taghhom f'dak l-istadju tad-difiza a Fol 403 tal-atti. Fl-istess seduta huma kienu ddikjaraw ukoll li sa dak in-nhar l-affarijiet kienu marru lura ghan-normal u kienu qieghdin jikkoabitaw flimkien.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2018 fejn l-Imputat ma ezentax lil din il-Qorti u talab li x-xhieda jinstemghu mill-gdid a fol 414 tal-atti.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2019 id-Difiza ghan-nom tal-Intimat rega' ddikjara li ma kienx ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tistrieh fuq ix-xiehda li kienet ingabret fl-istadju meta l-Qorti kienet diversament presjeduta.

Rat li meta din il-Qorti ghaddiet biex tisma' l-provi mill-gdid fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2019, iz-zewg xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni cioè Maria Gerada u Anthony Zarb ghazlu li ma jixhdux kontra l-Imputat peress li dan tal-ahhar kien jigi zewgha u missieru respettivament.

Rat li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Rat li l-Imputat ghazel li ma jixhidx u ghalaq l-istadju tal-provi tieghu.

Rat it-trattazzjoni tal-Partijiet.

IKKUNSIDRAT:

Illi din il-kawza si tratta dwar vjolenza domestika u l-Imputat f'din il-kawza kien gie akkuzat li wettaq tali vjolenza nhar il-5 ta' Mejju 2011 u fil-granet u l-gimghat precedenti, gewwa Birzebbugia, l-Birgu, Marsascala u fi bnadi ohra f'Malta, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kif deskritti fl-att tal-akkuza a fol 1. Ma kienx hemm il-kunsens necessarju mill-Partijiet specjalment l-Imputat li din il-Qorti toqghod fuq ix-xhieda u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali kunsens, din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kellha tghaddi biex tisma' l-provi kollha mill-gdid.

Illi f'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti, l-unici zewg xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni ghazlu li ma jixhdux peress illi kienu jigu mill-Imputat, u cioè, wahda kienet martu u l-iehor kien ibnu. Ai termini tal-Artikolu 633 (2), fid-diskrezzjoni taghha, din il-Qorti hadet "*qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija*." Fil-fatt, dawn ix-xhieda ma xehdux. Il-prosekuzzjoni ma tellghet ebda xiehda ohra u ghalqet il-provi filwaqt li l-Imputat ghazel li ma jixhidx u ghalaq il-provi tieghu.

Ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx provi sufficjenti kontra l-Imputat kif ipprezentati f'dan il-kaz u sejra tilliberah minn kull htija u piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, u 222(1) (a), 251B, 339 (1) (d), 339 (1) (e), 49 u 50, 17, 18, 31 u 533, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat l-atti kollha processwali;

Għaldaqstant din il-Qorti mhix qiegħda ssib lill-imsemmi imputat ħati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**